MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MAGRI ALBERT J.

Seduta ta' 02 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 112/1999/1

Atlas Insuarnce Agency Ltd bhala agenti Malta tas-socjeta' Guardian Royal Exchange Assurance plc proprio u kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Michael Attard Limited
Vs
The Cargo Handling Co. Ltd u Sea Malta Co Ltd.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-18 ta' Jannar 1999 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi s-socjeta' Michael Attard Ltd importat gewwa Malta fuq il-bastiment Nicolas A konsenja ta' vetturi Peugeot li waslet Malta fid-19 ta' Jannar 1998; illi din il-konsenja gie kosenjata lill-assikurat ta' l-attur bid-danni u nuqqasijiet kif spjegat fid-dokument A; illi ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni bejn l-attur u l-assikurat tieghu hu kellu jindennizza l-assikurat tieghu tad-danni li sofra u b'hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet ta' l-istess assikurat; illi l-attur jikkwontifika d-danni riportati fil-merkanzija tal-assikurat tieghu fl-ammot ta' tlett mija u tnax-il lira maltin u tlettin centezimu (LM312.30) li

maghhom jizdied l-ammont ta' tnejn u disghin lira (LM92) bhala survey fee ghalhekk danni totali sofferti mill-attur nomine fl-ammont ta' LM404.30; illi l-konvenuti nomine jew min minnhom huma responsabbli ghal dawn id-danni; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenuti nomine jew min minnhom responsabbli ghad-danni fil-merkanzija tal-assikurat ta' l-attur li ghalihom ghamel tajjeb l-attur;
2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' LM404.30;
3. tikkundanna lill-konvenuti nomine jew min minnhom ihallsu lill-attur is-somma ta'LM404.30 bhala danni sofferti mill-attur li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti nomine jew min minnhom.

Bl-ispejjes u interessi legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni kontra l-konvenuti nomine li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokument ezebit mil-attur.

Rat in-nota tas-socjeta' The Cargo Handling Co Ltd tas-26 ta' April 1999 li permezz taghha eccepiet:-

1. illi ghandu jigi ppruvat li n-nuqqasijiet dedotti fic-citazzjoni attrici sehhew waqt li l-merkanzija mertu tal-vertenza odjerna kienet fil-kustodja u taht il-kontroll assolut u s-supervizjoni tas-socjeta' konvenuta u li l-istess merkanzija giet ikkonsenjata lill-istess socjeta' konvenuta ezenti mill-istess nuqqasijiet;
2. illi s-socjeta' konvenuta ma hijiex responsabbli ghall-hsarat u nuqqasijiet dedotti fic-citazzjoni attrici stante li hija qdiet l-obbligi kollha imposti fuqha mil-ligi;
3. illi l-ammont tad-danni huwa eccessiv u ghaldaqstant ghandu jigi pruvat kif l-attur wasal ghall-ammont;
4. illi ebda imghax ma hu dovut stante li s-socjeta' konvenuta qatt ma giet interpellata biex thallas ebda ammont ta' danni u li siccome din si tratta ta' kawza ta' danni, il-likwidazzjoni ta' l-ammont dovut jigi determinat bis-sentenza finali;

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokument ezebit mill-Cargo Handling.

Rat in-nota tas-socjeta' SeaMalta Co Ltd presentata fit-3 ta' Mejju 1999 li permezz taghha eccepiet:-
1. illi d-danni reklamati ma jirrizultawx mit-tally sheet rilevanti, kopja ta' liema hi hawn annessa u markata Dok SM2;
2. il-klawsola ta' ezoneru kontenuta fil-polza ta' karigu ghat-tenur ta' liema l-konvenut ma hux responsabbli ghad-danni reklamati;
3. it-talba hija nfondata fil-fatt u fil-ligi u ghandha tigi michuda.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-15 ta' Gunju 1999 quddiem din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tas-26 ta' Novembru 1999 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat id-digriet taghha tal-25 ta' Novembru 1999 meta giet mahtura Dr Maria Dolores Gauci bhala assistent gudizzjarju sabiex tigbor il-provi tal-partijiet.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tas-26 ta' Gunju 2002 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum wara li s-socjeta' Sea Malta Co Ltd cediet it-tieni eccezzjoni taghha.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Illi fid-19 ta' Jannar 1998 waslet Malta konsenja karozzi tal-marka Peugeot fuq il-bastiment Nicolas A destinata ghas-socjeta' Michael Attard Limited. Din il-merkanzija kienet assikurata mas-socjeta' attrici li bhala rizultat ta' xi nuqqasijiet u hsarat hallset s-somma ta' LM312.30 biex

dawn jigu irmedjati kif ukoll hallset is-somma ta' LM92 biex sar is-survey fuq il-vetturi in kwistjoni.

Is-socjeta' assikuratrici qed izzom responsabbli sew lill-*carrier* cioe Sea Malta kif ukoll lis-socjeta' li tiehu hsieb il-merkanzija fil-port u cioe The Cargo Handling ghal dawn id-danni. Da parti taghhom dawn is-socjetajiet mhux qed jaccettaw responsabbilita' ghad-danni reklamati.

Mill-provi prodotti u senjatament t-Tally Sheet tat-Tally li inzamm minn rappresentant tas-Sea Malta flimkien ma' rappresentant tal-Cargo Handling kif ukoll mis-survey report u l-Gate Pass Out jirrizulta, fl-ewwel lok li l-merkanzija nizlet minn abbord minghajr ebda hsarat hlief li vettura wahda kienet bla cwievet u ghalhekk kellha titnizzel bil-forklifter, filwaqt li meta l-istess merkanzija harget mill-compound fejn The Cargo Handling tahzen il-merkanzija, din l-istess merkanzija kellha diversi hsarat u effetti neqsin.

Minn dan jidher bla ebda dubbju li trid tirrispondi ghad-danni reklamati mis-socjeta' attrici s-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Co Ltd fl-ammont ta' LM312.30 kif ukoll ghandha thallas l-ispejjes tas-survey billi dawn kienu spejjes indicentali nkorsi mis-socjeta' assikuratrici li qeghedha tirreklamahom f'isimha proprju. Ghalhekk The Cargo Handling Co Ltd ghandha taghmel fronti lejn is-socjeta attrici fis-somma ta' LM404.30.

Dan stabbilit din il-Qorti tixtieq taghmel certa osservazzjonijiet ta' natura generali f'kawzi simili.
a) Jidher li llum l-principji legali huma ben stabbiliti u ghalhekk jkun facli hafna li l-partijiet jiltaqaw flimkien u jsolvu l-kwistjonijiet minghajr ma jirrikorru lejn il-Qrati b'ekonomija ta' spejjes u tnaqqis fil-"*work load*" tal-istess Qrati li jigu mghobbija b'kwantita ta' kawzi inutilment.
b) Jidher ukoll li l-partijiet jittrattaw dawn il-kawzi b'mod legger. Raguni ohra li tindika li dawn jistghu facilment jigu solvuti barra mil-Qorti. Infatti hafna id-dokumenti jew ma jigux ezebiti jew jekk jigu ezebiti ma jkunux iffirmati. Fil-kaz in ezami l-attur ezebixxa mac-citazzjoni s-survey report ta' Mark Micallef. Izda dan ir-rapport la hu iffirmat

mill-istess Micallef, ghalkemm ikkonfermah fi stadju tax-xhieda, u lanqas ma ghandu mieghu il-Gate Pass out u l-Invoices ta' Michael Attard Ltd li jissemmew fih.

c) Ix-xhud David Borg, surveyor tas-socjeta' Sea Malta donnu lanqas kien jaf x'qed jghid meta pprezenta l-affidavit billi dan, bla tlaqliq jghid li kien hemm sitt karozzi Peugeot li nizlu bla cwievet. Mentri l-istess tally sheet maghmula minnu flimkien ma rappresentant tal-Cargo Handling tghid li kien hemm biss karozza wahda li tnizlet bil-fork lifter ghax ma kelliex cwievet.

d) Is-socjeta' The Cargo Handling tressaq diversi eccezzjonijiet bhal dik ta' nuqqas ta' responsabbilita' billi qdiet l-obbligi kollha taghha. Li d-danni huma eccessivi u li ma hemmx imghax dovut. L-eccezzjoni tan-nuqqas ta' responsabbilita' illum ma ghandhiex aktar validita' billi gie kemm-il darba stabbilit li l-fatt li l-hsara grat waqt li l-merkanzija kienet fil-kustodja taghha juri li effettivament din naqset mill-obbligi taghha ta' konsenjatarju. Dwar l-eccessivita' tad-danni ghalkemm din l-eccezzjoni dejjem tinghata qiesha *de rigour* l-istess socjeta' qatt ma tressaq prova in sostenn ta' tali allegazzjoni u dejjem jitla biss is-Sur Peter Bonello li kull ma jaghmel hija referenza ghad-dokumenti konsistenti f'Tally sheet u l-Gate Pass out. Illi dwar l-eccezzjonijiet fuq l-imghaxijiet jigi rilevat li dawn jibdew jiddekkorru mid-data tas-sentenza biss meta tkun somma *da likwidarsi* - fil-kaz in ezami bhal ma jigri f'kull kaz simili, l-ammontar tad-danni dejjem jkun determinat mal-presentata tac-citazzjoni u dan bilfors jkun hekk ghax inkellha ma jista' qatt jkun hemm is-surroga. Inoltre dan huwa debitu kummercjali li ma jehtieg interpellazzjoni.

Il-Qorti qedha taghmel dawn l-osservazzjonijiet biex forsi fil-futur isir tenttativ serju sabiex proceduri simili jigu evitati, u f'kaz li dan ma jkunx possibbli, dawn il-kawzi jigu trattati bis-serjeta' li jisthoqqilhom.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni eccezzjoni tas-socjeta' Sea Malta billi din issa ceduta u filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet l-ohra tal-istess socjeta', tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' The Cargo Handling Co Ltd u konsegwentement takkolji t-talbiet attrici fil-konfront ta' din is-socjeta' u tikkundanna

lill-istess The Cargo Handling Co Ltd sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u erba' liri maltin u tlettin cetezimu (LM404.30) dovuti kif fuq inghad, bl-ispejjes kollha tal-kawza u bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Onor Imhallef Albert J. Magri